KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 07.09.2005
KUMM(2005) 412 finali

2005/0169 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li għandu x'jaqsam mal-miżuri maħsuba biex iħaffu l-proċeduri għall-applikazzjoni għal u l-ħruġ ta' viżi għall-membri tal-familja Olimpika li ser jieħdu sehem fil-Logħob Olimpiku u/jew Paralimpiku tax-Xitwa f'Turin fl-2006

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KONSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

Fl-2004, il-Greċja saret l-ewwel Stat Membru parti miż-Żona Schengen mingħajr fruntieri interni, li fit-territorju tagħha sar il-Logħob Olimpiku u Paralimpiku. Biex tippermetti lill-Greċja tonora l-obbligazzjoni li ngħatat mill-Kumitat Olimpiku Internazzjonali u tippromwovi l-valur edukattiv ta' l-isport, l-UE adottat miżuri speċifiċi biex tħaffef il-ħruġ ta' viżi ta' Schengen lill-membri tal-familja Olimpika. Dawn il-miżuri kienu ġustifikati minħabba n-natura eċċezzjonali ta' l-okkażjoni u l-bżonn li jiġu rrispettati l-obbligi li ġew aċċettati mill-Greċja taħt il-Karta Olimpika - dritt ta' l-aċċess għall-membri tal-familja Olimpika għat-territorju ta' l-istat li qed jorganizza - mingħajr ma jmorru kontra l-prinċipji essenzjali u t-tħaddim sew taż-żona Schengen.

Għal dan il-għan, fil-15 ta' Lulju 2003 il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1295/2003[1] immirat biex iħaffef kemm il-proċeduri għas-sottomissjoni ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi kif ukoll il-ħruġ ta' viżi ta' Schengen lill-membri tal-familja Olimpika li pparteċipat fil-Logħob Olimpiku u Paralimpiku ta' Ateni fl-2004.

Għalkemm inżamm l-obbligu tal-viża għall-membri tal-familja Olimpika li kienu suġġetti għal dak ir-rekwiżit taħt ir-Regolament (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni, u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa[2], ir-Regolament (KE) Nru 1295/2003 ipprovda proċeduri li jħaffu s-sottomissjoni ta' applikazzjoni kollettiva għall-Membri tal-Familja Olimpika permezz tas-sistema ta' l-akkreditazzjoni Olimpika, sabiex ikun simplifikat il-bżonn ta' dokumenti ta' evidenza u biex jippermettu li l-viżi jinħarġu fil-format ta' numru tal-viża speċjali li għandu jkun inkluż fil-kard ta' l-akkreditazzjoni Olimpika. Barra minn hekk, il-kontrolli fil-fruntieri esterni għall-Membri tal-familja Olimpika kienu limitati għal każijiet fejn dan ikun meħtieġ, waqt li jieħdu in konsiderazzjoni id-dispożizzjonijiet speċifiċi fuq il-viżi. Is-sistema ta' deroga kienet fis-seħħ biss għal matul il-Logħob Olimpiku u Paralimpiku ta' Ateni fl-2004.

L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1295/2003 kien jistipula li l-arranġamenti tad-deroga implimentati mill-Greċja għandhom ikunu valutati wara l-għeluq tal-Logħob Paralimpiku fuq il-bażi ta' rapport li għandu jkun sottomess mill-Greċja erba' xhur wara dik id-data u kull informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri l-oħra fl-istess limitu ta' żmien. Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni ħejjiet studju ta' kif taħdem is-sistema ta' deroga u rrappurtat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kif dawn l-arranġamenti tad-deroga ħadmu fil-prattika. L-għan ta' l-istudju hu li jassigura l-effettività tar-reġim tad-deroga kollu fil-perspettiva ta' l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet simili għall-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006 kif ukoll għall-Istati Membri l-oħra li l-bliet tagħhom jistgħu fil-futur jagħżlu li jospitaw l-organizzazzjoni ta' Logħob Olimpiku u Paralimpiku. Il-Kunsill u l-Kummissjoni ddikjaraw li "fl-istudju ta' l-arranġamenti tad-deroga msemmija f'dan ir-Regolament għall-membri tal-familja Olimpika li pparteċipaw fil-Logħob Olimpiku u/jew Paralimpiku ta' l-2004 f'Ateni li kienu suġġetti għall-bżonn ta' viża, ser tingħata attenzjoni

---

[1] ĠU L 183, 22.7.2003, p.1.

[2] ĠU L 81, 21.3.2001, p.1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 851/2005 (ĠU L 141, 4.6.2005, p.3)

speċjali għal jekk il-livell ta' sigurtà tal-kard ta' l-akkreditazzjoni maħruġa lill-membri tal-familja Olimpika mill-Kumitat Organizzattiv tal-Logħob Olimpiku ta' l-2004 u li fiha hemm inkorporata l-viża maħruġa mill-awtoritajiet Griegi kompetenti taffetwax it-tħaddim sew ta' l-arranġamenti tad-deroga."

Fi Frar ta' l-2005, l-Awtoritajiet Griegi ssottomettew lill-Kummissjoni u lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1295/2003[3]. Ir-rapport enfasizza l-implimentazzjoni li rnexxiet tas-sistema tad-deroga u kkonferma li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament offrew reġim tal-viża effettiv u flessibli adegwat biex jippermetti lill-Greċja, bħala Stat Membru ta' Schengen li tirrispetta l-obbligazzjoni tagħha taħt il-Karta Olimpika mingħajr ma jitnaqqas il-livell ta' sigurtà fiż-żona komuni mingħajr fruntieri interni.

B'mod partikolari, skond l-informazzjoni sottomessa mill-awtoritajiet Griegi, ġie mwaqqaf Konsolat Olimpiku skond il-Liġi Griega Nru 3207/2003 bħala servizz speċjali taħt il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin biex jeżamina u japprova viżi għall-familja Olimpika. Il-Konsolat Olimpiku ħareġ 13,077 viża uniformi. L-applikazzjonijiet intlaqgħu b'mod elettroniku mid-Dipartiment ta' l-Akkreditazzjoni tal-Kumitat Organizzattiv ta' Ateni 2004 wara l-proċeduri deskritti fir-Regolament b'konformità mal-"Manwal tal-Kard ta' l-Akkreditazzjoni ta' Ateni 2004". 298 u 321 organizzazzjoni responsabbli kienu involuti fl-għażla tal-Membri għall-Familja Olimpika, li pparteċipaw fil-Logħob Olimpiku u Paralimpiku ta' Ateni fl-2004. Il-Kards ta' l-akkreditazzjoni Olimpiċi issodisfaw l-ogħla livelli ta' sigurtà b'konformità mad-dettalji tekniċi definiti fid-Deċiżjoni Ministerjali Konġunta 1016/114/125–a (dwar il-parti mhux kunfidenzjali tal-kard). Il-livelli ta' sigurtà tal-Kard ta' l-Akkreditazzajoni Olimpika ta' Ateni ta' l-2004 ġew ikkunsidrati bħala ekwivalenti għal dawk li jintużaw għall-format uniformi tal-viżi, li jinkludu fatturi ottiċi u fiżiċi tas-sigurtà kemm viżibbli kif ukoll le, li jipproteġu l-oqsma tad-*data* fotografika u personali sabiex il-falsifikazzjoni tkun diffiċli ħafna. Għalkemm it-tul kollu tal-perjodu tad-deroga (Logħob Olimpiku u Paralimpiku) kien 108 ijiem u l-fatt li xi Membri tal-familja Olimpika kienu approvati għaż-żewġ Logħob, l-ebda ksur tar-regola bażika tat-tul massimu ta' 90 jum ma ġie osservat. In-netwerk tal-postijiet ta' kuntatt fl-Ambaxxati ta' l-Istati ta' Schengen f'Ateni, in-netwerk ta' komunikazzjoni u l-kuntatti fil-kapitali ta' l-Istati ta' Schengen, iċ-ċentru fejn wieħed jista' jċempel 24 siegħa kuljum, websajt speċjali b'kodiċi ta' aċċess b'sigurtà u numru bla ħlas kienu, fost l-oħrajn, uħud mill-inizjattivi bażiċi meħuda mill-awtoritajiet Griegi biex jassiguraw kommunikazzjoni effettiva ma' l-imsieħba ta' Schengen matul il-perjodu tad-deroga.

Il-kummenti kollha sottomessi mill-Istati Membri sa l-aħħar ta' April ta' l-2005 ikkonfermaw it-tħaddim tajjeb tas-sistema tad-deroga matul il-Logħob Olimpiku u Paralimpiku ta' Ateni ta' l-2004 kif ukoll l-effettività tar-reġim kollu introdott bir-Regolament (KE) Nru 1295/2003.

Ibbażat fuq din l-esperjenza ta' suċċess, ir-rapport tas-servizzi tal-Kummissjoni dwar it-tħaddim tas-sistema tad-deroga introdotta mir-Regolament (KE) Nru 1295/2003 dwar miżuri maħsuba biex iħaffu l-proċeduri għall-applikazzjoni ta' u għall-ħruġ ta' viżi għall-membri tal-familja Olimpika li ħadet sehem fil-Logħob Olimpiku jew Paralimpiku ta' l-2004 f'Ateni jirrakkomanda li l-UE għandha tadotta reġim kważi identiku biex tgħin lill-Italja, il-pajjiż ospitant għal-Logħob tax-Xitwa ta' Turin fl-2006, biex tilqa' l-obbligazzjoni meħuda b'mod konformi mal-Karta Olimpika.

---

[3] VISA 26, COMIX 71, (58621/2/05) REV 2

L-introduzzjoni ta’ sistema ta’ deroga simili għal-Logħob ta’ Turin fl-2006 hi ġustifikata, anke jekk in-numru ta' parteċipanti għal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006 huma mistennija li jkunu inqas minn dak tal-Logħob ta' Ateni fl-2004. In-numru ta’ viżi meħtieġa għall-parteċipazzjoni fil-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006 hu maħsub li jammonta għal 3,000 każ.

F’dan il-kuntest, din il-proposta ssegwi l-istess prinċipji bħar-Regolament (KE) Nru 1295/2003: hi żżomm il-ħtieġa tal-viża għall-membri tal-familja Olimpika li, minħabba ċ-ċittadinza tagħhom, huma suġġetti għal dik il-ħtieġa taħt ir-Regolament (KE) Nru 539/2001; l-arranġamenti proposti huma mmirati biss biex iħaffu kemm il-proċeduri għas-sottomissjoni ta’ l-applikazzjonijiet u kemm il-forma li fiha jinħarġu l-viżi; id-deroga għandha tapplika biss għal matul il-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta’ l-2006. Għal-Logħob Olimpiku tax-Xitwa ta’ l-2006 dan il-perjodu jibda mill-10 ta’ Jannar ta’ l-2006 (xahar qabel il-ftuħ uffiċjali fl-10 ta’ Frar) sas-26 ta’ Marzu ta’ l-2006 (xahar wara l-għeluq tal-Logħob fis-26 ta' Frar ta’ l-2006) u — għal-Logħob Paralimpiku tax-Xitwa ta’ l-2006 — mill-10 ta’ Frar ta’ l-2006 (xahar qabel il-ftuħ uffiċjali fl-10 ta’ Marzu) sad-19 ta’ April ta’ l-2006 (xahar wara l-għeluq tal-Logħob fid-19 ta’ Marzu).

Minħabba t-tħaddim tajjeb ħafna tar-Regolament (KE) Nru 1295/2003, il-proposta “tikkopja” d-dispożizzjonijet tiegħu, u tadattah biss għal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta’ l-2006:

– B’deroga għar-regoli ta’ l-*acquis* ta’ Schengen, l-individwi li qed japplikaw għall-viża mhumiex mitluba li jmorru personalment għand is-servizzi konsolari la biex jissottomettu applikazzjoni, u lanqas biex jirċievu l-viża, u t-talba m’għandhiex għalfejn tkun preżentata fuq il-formola standard ta’ Schengen disponibbli għal dan l-iskop. Barra minn hekk, il-bżonn li jiġu prodotti dokumenti ta’ evidenza f'każ ta' applikazzjoni għal viża ġie mnaqqas. Fl-aħħarnett, il-viża mhux ser tinħareġ fil-forma ta’ stiker, imma għandha tkun formalizzata permezz ta’ numru speċifiku fil-kard ta’ l-akkreditazzjoni tal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku ta’ l-2006. Madanakollu, is-sistema proposta ma taffetwa bl-ebda mod ir-regoli ta’ l-*acquis* ta’ Schengen fir-rigward tal-proċeduri u l-verifika meħtieġa għall-iskopijiet ta’ l-ordni pubblika u s-sigurtà pubblika;

– L-organizzazzjonijiet responsabbli biex jipproponu l-Membri tal-familja Olimpika għandhom jissottomettu lill-Kumitat Organizzattiv tal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta’ l-2006, flimkien mat-talba għall-akkreditazzjoni, lista ta’ persuni li jinħtieġu l-viża li għandhom jipparteċipaw fil-Logħob Olimpiku u/jew Paralimpiku tax-Xitwa fl-2006;

– Id-*data* bażika tal-persuni konċernati, bħalma huma l-isem, l-ewwel isem, is-sess, id-data u l-post tat-twelid tagħhom, kif ukoll in-numru tal-passaport u t-tip u d-data ta’ l-iskadenza tiegħu, għandha tkun komunikata fuq il-formola ta’ l-applikazzjoni tal-kard ta’ l-akkreditazzjoni. Għal kull persuna li tinħtieġ viża, il-Kumitat Organizzattiv tal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta’ l-2006 għandu jibgħat kopja ta’ dik il-formola lis-servizzi responsabbli għall-ħruġ tal-viżi fl-Italja;

– Wara li s-servizzi responsabbli jkunu eżaminaw kull applikazzjoni għall-viża b’mod konformi ma’ l-*acquis communautaire*, huma għandhom javżaw lill-Kumitat Organizzattiv tal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta’ l-2006 bin-numru ta’ viżi maħruġa. Il-viża maħruġa għandha tkun viża uniformi, li tippermetti aktar

minn dħul wieħed għal perjodu massimu ta' tliet xhur biss mid-data ta' l-ewwel dħul. Jekk ma jintlaħqux il-kondizzjonijiet li jirregolaw il-ħruġ ta' viża uniformi, l-awtoritajiet Taljani jistgħu joħorġu viżi b'validità territorjali limitata għall-membri tal-familja Olimpika. Għal każijiet fejn it-tul taż-żjara tal-membri tal-familja Olimpika hu mistenni li jeċċedi l-perjodu massimu ta' tliet xhur, l-awtoritajiet Taljani jistgħu joħorġu permessi ta' residenza temporanji speċifiċi b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom;

– Il-viża maħruġa lil membru tal-familja Olimpika għandha tkun immarkata fuq il-kard ta' l-akkreditazzjoni b'referenza għan-numru tal-viża u għan-numru tal-passaport tal-persuna kkonċernata;

– Matul il-perjodu kollu tad-deroga, l-awtoritajiet Taljani għandhom jinfurmaw lill-Istati l-oħra ta' Schengen bi kwalunkwe fatt jew okkorrenza li x'aktarx ikollha impatt fuq il-livell ta' sigurtà fiż-żona ta' Schengen u jittrażmettu kwalunkwe *data* relevanti għalihom;

– Il-proċedura tad-deroga deskritta hawn fuq ma taqtax barra il-possibilità li membru tal-familja Olimpika jissottometti applikazzjoni għal viża individwali b'mod konformi ma' l-*acquis* ta' Schengen;

– Din il-proposta ma tikkonċernax il-membri tal-familija Olimpika li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma suġġetti għall-ħtieġa ta' viża u min ikollu l-permess ta' residenza jew permess ta' residenza proviżorja maħruġ minn wieħed mill-Istati Membri li jimplimentaw l-*acquis* ta' Schengen. Min ikollu tali dokumenti għandu jindika li hu għandu l-pussess ta' dawn meta jimla' l-formola ta' l-applikazzjoni għall-kard ta' l-akkreditazzjoni;

– Il-proposta tipprovdi għal stima ta' l-arranġamenti tad-deroga wara l-Logħob Olimpiku u Paralimpiku. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill u lill-Parlament, fuq il-bażi ta' rapport imfassal mill-awtoritajiet Taljani u kwalunkwe informazzjoni trażmessa mill-Istati Membri konċernati;

– Fil-każ li ma tkun imfassla l-ebda deroga speċifika f'din il-proposta, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet relevanti ta' l-*acquis communautaire* dwar viżi u kontrolli fil-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri.

2. PROPORZJONALITÀ

L-Artikolu 5 tat-Trattat tal-KE jistipula li "l-ebda azzjoni tal-Komunità m'għandha tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-miri ta' dan it-Trattat". Il-forma ta' l-azzjoni meħuda mill-Komunità għandha tkun l-eħfef mod li jippermetti li l-proposta tikseb l-oġġettiv tagħha u li tkun implimentata bl-iżjed mod effiċjenti possibbli.

Il-proposta tipprovdi għal deroga mid-dispożizzjonijiet relevanti ta' l-*acquis* ta' Schengen dwar il-proċeduri għall-applikazzjoni u għall-ħruġ ta' viżi, għall-membri tal-familja Olimpika u limitati għat-tul tal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006. L-għan hu li jitħaffef l-aċċess ta' dawn il-persuni għat-territorju Taljan, fejn ser jsiru l-Logħob u t-tranżitu tagħhom minn Stat Membru ta' Schengen jew aktar, filwaqt li jintlaħqu l-ħtiġijiet tas-sigurtà fiż-żona fejn ġew imneħħija l-kontrolli fil-fruntieri interni.

Min-natura proprja tiegħu, dan l-oġġettiv jista' jinkiseb biss b'azzjoni mill-Komunità, billi l-ebda Stat Membru m'għandu d-dritt li jadotta miżuri purament nazzjonali maħsuba biex jinkiseb l-effett mixtieq u li jidderogaw mill-*acquis* ta' Schengen.

3. KONSEGWENZI FIR-RIGWARD TAD-DIVERSI PROTOKOLLI ANNESSI MAT-TRATTATI

Il-bażi legali għall-proposta għandha x'taqsam ma' derogi temporanji mil-leġislazzjoni tal-Komunità dwar viżi adottati taħt it-Titolu IV tat-Trattat tal-KE u għalhekk hija affettwata mill-"ġeometrija varjabbli" li tirriżulta mill-Protokolli dwar il-pożizzjonijiet tar-Renju Unit, ta' l-Irlanda u tad-Danimarka. Il-proposta għal Regolament tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen. Għalhekk għandha tingħata konsiderazzjon għal ċerti konsegwenzi li jirriżultaw mid-diversi Protokolli:

Ir-Renju Unit u l-Irlanda

B'mod konformi ma' l-Artikoli 4 u 5 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea, "l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, li mhumiex marbuta bl-*acquis* ta' Schengen, jistgħu meta jridu jitolbu biex jieħdu sehem sħiħ jew b'mod parzjali fid-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis*".

Il-proposta għal Regolament tikkostitwixxi żvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen, li fih ir-Renju Unit u l-Irlanda ma jieħdux sehem, b'mod konformi mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi disposizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen u mad-Deċiżjoni tal-Kunsill sussegwenti 2004/926/KE dwar id-dħul fis-seħħ ta' partijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen, u mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba ta' l-Irlanda biex tieħu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen. Għalhekk ir-Renju Unit u l-Irlanda mhumiex jieħdu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhumiex marbuta bih jew suġġetti għall-applikazzjoni tiegħu.

Id-Danimarka

Taħt il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat tal-KE, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri skond it-Titolu IV tat-Trattat tal-KE, ħlief għall-"miżuri li jiddeterminaw il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom jridu jkunu fil-pussess ta' viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri" jew "miżuri relatati ma' format uniformi għall-viżi" (l-eks Artikolu 100c).

Fejn madanakollu, bħal dan il-każ, il-proposti jikkostitwixxu żvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen, l-Artikolu 5 tal-Protokoll jgħid li, "id-Danimarka għandha tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar proposta jew inizjattiva li tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen taħt id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, jekk tkunx ser timplimenta din id-deċiżjoni fil-liġi nazzjonali tagħha".

In-Norvegja u l-Islanda

B'mod konformi ma' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen, ġie ffirmat Ftehim fit-18 ta' Mejju ta' l-1999 bejn il-Kunsill, in-Norveġja u l-

Islanda sabiex dawk iż-żewġ pajjiżi jiġu assoċjati ma’ l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta’ l-*acquis* ta’ Schengen[4].

L-Artikolu 1 ta’ dak il-Ftehim jistipula li n-Norveġja u l-Islanda huma assoċjati ma' l-attivitajiet tal-KE u ta' l-UE fl-oqsma koperti bid-dispożizzjonijiet riferuti fl-Annessi A (dispożizzjonijiet dwar l-*acquis* ta’ Schengen) u B (dispożizzjonijiet ta’ atti tal-Komunità Ewropea li ħadu post dispożizzjonijiet korrispondenti ta' — jew ġew adottati skond — il-Konvenzjoni ta' Schengen) mal-Ftehim, u l-iżvilupp ulterjuri tagħhom.

Skond l-Artikolu 2 tal-Ftehim, in-Norveġja u l-Irlanda jimplimentaw u japplikaw id-dispożizzjonijiet ta’ l-atti jew tal-miżuri kollha meħuda mill-Unjoni Ewropea li jemendaw jew jibnu fuq l-*acquis* integrat ta’ Schengen (Annessi A u B).

Il-proposta preżenti tibni fuq l-*acquis* ta’ Schengen kif definita fl-Anness A tal-Ftehim.

Għalhekk is-suġġett għandu jkun diskuss f’“Kumitat Imħallat” kif stipulat fl-Artikolu 4 tal-Ftehim li jippermetti lin-Norveġja u lill-Islanda “li jispjegaw il-problemi li jiltaqgħu magħhom fir-rigward” tal-miżuri u “li jesprimu ruħhom fuq kwalunkwe kwistjoni li għandha x’taqsam ma’ l-iżvilupp tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernawhom jew l-implementazzjoni tagħhom”.

L-Isvizzera

Fir-rigward ta’ l-Isvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta’ l-*acquis* ta’ Schengen fit-tifsira tal-Ftehim iffirmat mill-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera fuq l-assocjazzjoni ta’ din ta’ l-aħħar bl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta’ l-*acquis* ta’ Schengen li jaqa’ fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/860/KE fl-iffirmar, f’isem il-Komunità Ewropea, u dwar l-applikazzjoni proviżorja ta' ċertu dispożizzjonijiet ta’ dak il-Ftehim.

Il-Ftehim ma’ l-Isvizzera, iffirmat fis-26 ta’ Ottubru ta’ l-2004, jipprovdi għall-applikazzjoni proviżorja ta’ ċertu dispożizzjonijiet wara li jkunu ffirmati, b’mod partikolari il-parteċipazzjoni ta’ l-Isvizzera fil-Kumitat Imħallat li għandu x’jaqsam ma’ l-iżvilupp ta’ l-*acquis* ta’ Schengen.

4. KONSEGWENZI TA’ L-IMPLIMENTAZZJONI F’ŻEWĠ FAŻIJIET TA’ L-ATTI LI JIBNU FUQ L-*ACQUIS* TA’ SCHENGEN

L-Artikolu 3(1) ta’ l-Att ta’ l-Adeżjoni ta’ l-2003 ta’ l-10 Stati Membri ġodda jistipula li d-dispożizzjonijiet ta’ l-*acquis* ta’ Schengen, l-atti li jibnu fuqu jew li b’xi mod huma marbuta miegħu, elenkati fl-anness riferut f'dak l-Artikolu, għandhom ikunu jorbtu u applikabbli fl-Istati Membri l-ġodda sa mill-adeżjoni tagħhom. Id-dispożizzjonijiet u l-atti mhux imsemmija f’dak l-anness għandhom, filwaqt li jorbtu lill-Istati Membri ġodda sa mill-adeżjoni, jkunu applikabbli fl-Istati Membri l-ġodda wara Deċiżjoni speċjali tal-Kunsill għal dak l-iskop, meħuda b’mod konformi ma’ l-Artikolu 3(2) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni.

[4] ĠU L 176, 10.7.99, p. 35.

Id-dispożizzjonijet ta' Schengen dwar il-viża uniformi mhumiex imniżżla fl-anness u għalhekk, filwaqt li jkunu jorbtu ma' l-adeżjoni, għandhom ikunu applikabbli fl-Istati Membri l-ġodda biss wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill riferuta hawn fuq[5].

Fir-rigward tad-dispożizzjonijet ta' Schengen dwar il-fruntieri esterni, dawn huma mniżżla f'dak l-anness u għalhekk jorbtu u huma applikabbli fl-Istati Membri l-ġodda sa mill-addeżjoni[6]. Għalhekk l-Artikolu 9 biss tal-proposta kurrenti hu applikabbli għall-Istati Membri l-ġodda.

5. KUMMENTARJU ARTIKOLU B'ARTIKOLU

Artikolu 1

L-Artikolu 1 ifisser l-iskop tar-Regolament, jiġifieri li jagħti deroga fir-rigward ta' viżi għall-membri tal-familja Olimpika għal matul il-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa fl-2006: din hija deroga limitata għal dawk id-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis*, li jikkonċernaw il-proċeduri għat-talba ta' viża, l-ħruġ tagħha u l-format li din il-viża għandu jkollha.

Artikolu 2

L-Artikolu 2 ifisser il-ħafna kliem użat:

L-Artikolu 2(1) jirreferi għall-"organizzazzjonijiet responsabbli" li huma fdati sabiex jipproponu liema persuni jistgħu jipparteċipaw fil-Logħob Olimpiku u/jew Paralimpiku tax-Xitwa fl-2006. Dawn l-organizzazzjonijiet huma responsabbli għas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni għall-kard ta' l-akkreditazzjoni għall-parteċipanti, biex jirċievu kards ta' l-akkreditazzjoni u, fejn jixraq, jemendaw l-għażla tal-parteċipanti.

Id-definizzjoni tal-persuni eliġibbli biex ikunu magħżula bħala membri tal-familja Olimpika (l-Artikolu 2(2)) hi indikattiva, tniżżel dawk il-kategoriji ta' persuni, li normalment ikunu mistiedna biex jipparteċipaw fil-Logħob Olimpiku u/jew Paralimpiku.

L-Artikolu 2(3) jipprovdi għall-ħruġ ta' żewġ kards ta' l-akkreditazzjoni, waħda għal-Logħob Olimpiku u l-oħra għal-Logħob Paralimpiku. Il-fatturi tekniċi ta' dawn id-dokumenti ta' identifikazzjoni għal kull membru tal-familja Olimpika huma definiti mill-Kumitat Organizzattiv tal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006 b'mod konformi mal-livelli tas-sigurtà internazzjonali.

Id-definizzjoni proposta għat-tul tad-deroga (l-Artikolu 2(4)) hi neċessarja biex tħares ir-regoli tal-viża stabbiliti mill-*acquis* (żjara ta' mhux iktar minn tliet xhur fi kwalukwe perjodu ta' sitt xhur), meta tikkunsidra it-tul indikattiv tal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006 kif stabbiliti fil-Karta Olimpika.

Dan l-Artikolu (paragrafi 5 u 6) jiddefinixxi wkoll il-Kumitat Organizzattiv tal-Logħob Olimpiku u s-servizzi responsabbli għall-ħruġ tal-viżi.

---

[5] Minbarra l-Annessi 1-3, 7, 8 u 15 ta' l-Istruzzjonijiet Konsolari Komuni adottati taħt SCH/Com-ex (99) 13 Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Konvenzjoni ta' Schengen f'April ta' l-1999, li t-tnejn jorbtu u japplikaw fl-Istati l-Membri l-ġodda sa mill-adeżjoni tagħhom.

[6] Minbarra l-Artikolu 5(1)(d) tal-Konvenzjoni ta' Schengen, li għandu x'jaqsam mal-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

Artikolu 3

Il-kondizzjonijiet li għandhom jintlaħqu mill-membri tal-familja Olimpika biex jikkwalifikaw għad-deroga proposta huma ispirati mill-kondizzjonijiet stabbiliti bl-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni ta' Schengen imma magħmula b'mod aktar flessibli biex jikkunsidraw il-karatteristiċi speċifiċi tal-parteċipazzjoni fil-Logħob Olimpiku u Paralimpiku (m'hemmx bżonn li turi konformità mal-kondizzjonijiet taż-żjara jew li jkollok mezz suffiċjenti ta' għajxien).

Artikolu 4

Dan l-Artikolu jipprovdi li l-organizazzjonijiet responsabbli jistgħu, flimkien ma' l-applikazzjoni mal-Kumitat Organizzattiv tal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006 għall-kard ta' l-akkreditazzjoni, jissottomettu applikazzjoni kollettiva għall-viżi għall-membri tal-familja Olimpika li huma mitluba li jkollhom viża b'mod konformi mar-Regolament (KE) Nru 539/2001.

Hi possibbli applikazzjoni waħdanija għal kull persuna għat-tul kollu tal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku.

Huwa l-Kumitat Organizzattiv għal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006 li jgħaddi l-applikazzjoni kollettiva għall-viżi kif ukoll id-dokumenti relattivi għall-akkreditazzjoni lill-awtoritajiet responsabbli biex jeżaminaw l-applikazzjonijiet għall-viżi.

Artikolu 5

Dan l-Artikolu jiddefinixxi l-proċedura tal-ħruġ, jistipula li l-viża tinħareġ wara l-verifika ta' jekk il-kondizzjonijiet msemmija fl-Artikolu 3 ikunux intlaħqu (paragrafu 1). Il-viża maħruġa hi viża uniformi għal żjara qasira, li tippermetti aktar minn dħul wieħed u valida għal tliet xhur. Matul dan il-perjodu ta' validità, il-viża tippermetti li l-persuna li għandha l-viża tibqa' fl-Italja u l-pajjiżi l-oħra ta' Schengen. Hija tawtorizza wkoll lil min ikollu l-viża biex jgħaddi minn pajjiżi oħra ta' Schengen fi triqtu lejn l-Italja biex jipparteċipa fil-Logħob Olimpiku u/jew Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006 jew mill-Italja wara li jipparteċipa fihom.

L-Awtoritajiet Taljani jistgħu joħorġu viża b'validità territorjali limitata lill-membri tal-familja Olimpika li mhumiex inklużi fil-kategoriji stabbiliti fl-Artikolu 3 punti c) u d) per eżempju dawk il-każijiet identifikati għall-iskopijiet taċ-ċaħda tad-dħul jew dawk li jkunu ta' thedida għall-politika pubblika, għas-sigurtà nazzjonali jew għar-relazzjonijiet internazzjonali ta' wieħed mill-Istati Membri.

Din il-possibiltà għall-ħruġ ta' viża b'validità territorjali limitata hi mbassra fl-Artikolu 5, paragrafu 2 tal-Konvenzjoni Schengen, li jaħseb b'mod ġenerali li tista' tinħareġ viża b'validità territorjali limitata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax il-kondizzjonijiet kollha għad-dħul, fejn xieraq fuq raġunijiet umanitarji, fuq raġunijiet ta' interess nazzjonali jew minħabba obbligazzjonijiet internazzjonali.

Artikolu 6

L-awtoritajiet kompetenti jridu jittrażmettu n-numru ta' viżi maħruġa lill-Kumitat Organizzattiv tal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku ta' l-2006, li wara jdaħħlu n-numru tal-passaport u tal-viża tal-persuna kkonċernata fuq il-kard ta' l-akkreditazzjoni.

Artikolu 7

Fid-dawl tan-natura eċċezzjonali ta' dan l-avveniment u ta' l-iskop tiegħu, il-viża għandha tkun maħruġa bla ħlas lill-membri tal-familja Olimpika.

Artikolu 8

Dan l-Artikolu jiddefinixxi l-proċedura li għandha tkun segwita fil-każ li l-għażla magħmula mill-organizzazzjoni responsabbli tinbidel fl-aħħar minuta. Minħabba li din hi prassi, komuni mhux ħażin, għalkemm limitata, huwa propost li l-viżi maħruġa għal persuni li m'għadhomx membri tal-familja Olimpika għandhom ikunu mħassra.

Il-viżi maħruġa għandhom ikunu mħassra ukoll f'każ ta' telf jew bdil tal-passaport ta' wieħed mill-parteċipanti. L-awtoritajiet Taljani jridu jittrażmettu l-informazzjoni dwar it-tħassir (ta' viżi) lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra responsabbli biex jiċċekkjaw il-fruntieri.

Jekk il-viża titħassar b'dan il-mod dan ma jippreġudikax lill-persuna kkonċernata milli tkun tista' tapplika għal viża b'mod konformi mal-proċeduri tas-soltu.

Artikolu 9

Din id-dispożizzjoni tfassal l-iskop ta' l-iċċekjar tal-fruntieri li għandhom isiru fuq il-membri tal-familja Olimpika. Dawn għandhom ikunu limitati għall-verifika tal-konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, li huma inqas riġidi mir-regoli normali applikabbli għall-iċċekjar fil-fruntieri esterni.

L-indikazzjoni sistematika tal-metodu li t-timbri tad-dħul u tal-ħruġ irrid ikunu mwaħħla fuq l-istess paġna tal-passaport tal-parteċipanti tgħin l-identifikazzjoni tat-tul taż-żjara fiż-żona komuni.

Il-membri kollha tal-Familja Olimpika li ser jieħdu sehem fil-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa fl-2006 ser jibbenefikaw mill-kondizzjonijet eħfef fir-rigward ta' l-iċċekjar fil-fruntieri esterni kemm jekk issottomettew obbligazzjoni tal-viża kif ukoll jekk huma eżentati minnha.

Artikolu 10

L-arranġamenti tad-deroga għandhom ikunu valutati wara l-għeluq tal-Logħob Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006. Fuq il-bażi tar-rapport sottomess mill-Italja erba' xhur wara dik id-data u fuq kwalunkwe informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri l-oħra fl-istess limitu ta' żmien, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kif ħadmu l-arranġamenti tad-deroga.

Artikolu 11

Din hija d-dispożizzjoni finali standard dwar l-applikazzjoni tar-Regolament mill-Istati Membri li jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen.

2005/0169 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li għandu x'jaqsam mal-miżuri maħsuba biex iħaffu l-proċeduri għall-applikazzjoni għal u l-ħruġ ta' viżi għall-membri tal-familja Olimpika li ser jieħdu sehem fil-Logħob Olimpiku u/jew Paralimpiku tax-Xitwa f'Turin fl-2006

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(2) punti a) u b) ii) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[7],

Filwaqt li jaġixxu b'mod konformi mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 251[8],

Billi

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1295/2003 tal-15 ta' Lulju ta' l-2003 dwar miżuri maħsuba sabiex jiffaċilitaw il-proċeduri għall-applikazzjoni għal u għall-ħruġ ta' viża għall-membri tal-familja Olimpika li ħa tieħu sehem fil-Logħob Olimpiku u Paralimpiku f'Ateni9 stabbilixxa sistema temporanja speċifika li tidderoga mill-proċeduri normali għall-ħruġ tal-viżi għall-membri tal-familja Olimpika li pparteċipaw fil-Logħob Olimpiku ta' Ateni fl-2004, biex jippermetti lill-Greċja li tospita l-ewwel Logħob Olimpiku u Paralimpiku organizzat minn Stat Membru li jifforma parti miż-żona Schengen mingħajr fruntieri interni u biex jippermetti lill-Greċja li tirrispetta l-obbligu tagħha taħt il-Karta Olimpika.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1295/2003 ħaseb għal dispożizzjonijiet speċifiċi li jħaffu l-proċeduri għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għall-viżi uniformi u l-forma li biha jinħarġu l-viżi għall-membri tal-familja Olimpika, kif ukoll għas-simplifikazzjoni tal-kontrolli tal-fruntieri esterni għal din il-kategorija ta' persuni. Dan inkluda klawsola ta' valutazzjoni u t-trażmissjoni mill-Kumissjoni ta' rapport għal dan l-iskop lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(3) Fl-evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-implimetazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1295/2003 kienet suċċess, u s-sistema tad-deroga kienet ikkunsidrata effettiva, flessibli u adegwata biex tirregola d-dħul u ż-żjara qasira tal-membri tal-familja Olimpika li jipparteċipaw fil-Logħob, fiż-żona ta' Schengen mingħajr fruntieri interni.

---

7 ĠU C , , p. .
8 ĠU C , , p. .
9 ĠU L 183, 22.7.2003, p.1.

(4) Għalhekk l-Unjoni Ewropea għandha tadotta sistema ta' deroga simili għal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006 biex tippermetti lill-Italja li tonora bħala pajjiż ospitant l-obbligi tagħha tal-Karta Olimpika, filwaqt li tassigura livell għoli ta' sigurtà fiż-żona ta' Schengen mingħajr fruntieri interni.

(5) Għalkemm qed jinżamm l-obbligu tal-viża għall-membri tal-familja Olimpika li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi suġġetti għall-ħtieġa tal-viża taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu ta' l-2001 li jniżżel lista tal-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom iridu jkunu fil-pussess ta' viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni u ta' liema ċ-ċittadini jridu jkunu fil-pussess ta' viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma esklużi minn dik il-ħtieġa[10], għandha tkun stabbilita deroga temporanja għal matul il-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006.

(6) L-iskop ta' din id-deroga għandu jkun limitat għad-dispożizzjonijet ta' l-*acquis* dwar is-sottomissjoni ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi, il-ħruġ tal-viżi u l-format tagħhom. Bl-istess mod, il-metodi għall-kontroll tal-fruntieri esterni għandhom ikunu adattati fil-limiti neċessarji biex jieħdu in konsiderazzjoni t-tibdil fis-sistema tal-viża.

(7) L-applikazzjonijiet għall-viża għall-membri tal-familja Olimpika li ser jieħdu sehem fil-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa fl-2006, għandhom ikunu sottomessi lill-Kumitat Organizzattiv tal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006 permezz ta' l-organizzazzjonijiet responsabbli fl-istess ħin ta' l-applikazzjoni għall-akkreditazzjoni. Il-formola ta' l-applikazzjoni għall-akkreditazzjoni għandu jkollha *data* bażika relatata mal-persuni kkonċernati, bħalma huma l-isem, is-sess, id-data u l-post tat-twelid tagħhom, in-numru tal-passaport, it-tip tiegħu u d-data ta' l-iskadenza, kif ukoll indikazzjoni tal-pussess tal-permess ta' residenza maħruġ minn Stat ta' Schengen, it-tip u d-data ta' l-iskadenza tat-tali dokument. Dawn l-applikazzjonijiet għandhom jintbgħatu lis-servizzi Taljani responsabbli għall-ħruġ tal-viżi.

(8) Il-Kumitat Organizzattiv tal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006 joħroġ kards ta' l-akkreditazzjoni lill-membri tal-familja Olimpika, b'mod konformi mar-regoli definiti mil-liġi Taljana. Il-kard ta' l-akkreditazzjoni hi dokument sigur ħafna, li jagħti aċċess għas-siti speċifiċi fejn isiru l-kompetizzjoinijiet u għal attivitajiet oħra ppjanati matul il-Logħob Olimpiku u Paralimpiku, fid-dawl tal-fatt li l-Logħob jista' jkun il-mira ta' attakki terroristiċi. Il-viża maħruġa hi mehmuża permezz tad-dħul ta' numru fil-kard ta' l-akkreditazzjoni.

(9) Irrespettivament mid-dispożizzjonijet ta' dan ir-Regolament, il-membri tal-familja Olimpika xorta jistgħu jissottomettu applikazzjonijiet individwali għall-viżi b'mod konformi ma' l-*acquis* relevanti ta' Schengen.

(10) Fejn m'hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika stabbilita f'dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet relevanti ta' l-*acquis* ta' Schengen dwar viżi u kontrolli fil-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri. Dan ir-Regolament ma japplikax għall-membri tal-familja Olimpika li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi suġġetti għall-ħtieġa ta' viża u għal min ikollu permess ta' residenza jew permess ta' residenza

---

[10] ĠU L 81, 21.3.2001, p.1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 851/2005 (ĠU L 141, 4.6.2005, p.3).

proviżorju maħruġ minn wieħed mill-Istati Membri li jimplimentaw bis-sħiħ l-*acquis* ta' Schengen. Għal kwalunkwe żjara fiż-żona komuni li t-tul tagħha hu maħsub li jkun aktar minn 90 ġurnata, jista' jinħareġ permess ta' residenza temporanju lill-Membru tal-familja Olimpika b'mod konformi mal-liġi Taljana.

(11) Għandu jsir provvediment għal stima ta' l-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti tad-deroga stabbilita b'dan ir-Regolament wara l-għeluq tal-Logħob Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006.

(12) B'mod konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità, huwa neċessarju u xieraq li jintlaħaq l-oġġettiv ewlieni li jiġu mħaffa l-ħruġ tal-viżi lill-membri tal-familja Olimpika u b'mod konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità, li tiġi adottata din id-deroga temporanja minn ċertu dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen. Dan ir-regolament ma jmurx 'l hinn minn dak li hu neċessarju biex jikseb l-oġġettiv mistenni, b'mod konformi mat-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 5 tat-Trattat tal-KE. Fir-rigward tar-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norvegja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen u għalhekk jaqa' fil-qasam definit fl-Artikolu 1 (B) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju ta' l-1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati bl-implimentazzjoni, bl-applikazjoni u bl-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen.[11]

(13) B'mod konformi ma' l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhux qed tieħu sehem fl-adozzjoni mill-Kunsill ta' dan ir-Regolament u għalhekk mhix marbuta bi jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Madankollu, billi dan ir-Regolament jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen taħt it-Titolu IV tat-Tielet Parti tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka għandha, b'mod konformi ma' l-Artikolu 5 ta' l-imsemmi Protokoll, tiddeċiedi f'perjodu ta' sitt xhur wara li l-Kunsill ikun adotta dan ir-Regolament jekk hi hux ser timplimetah jew le fil-liġi nazzjonali tagħha.

(14) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen, li fih ir-Renju Unit ma jieħux sehem b'mod konformi ma' l-Artikoli 4 u 5 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, għalhekk ir-Renju Unit mhux qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhux marbut bih jew suġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

(15) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen, li fih l-Irlanda ma tieħux sehem b'mod konformi ma' l-Artikoli 4 u 5 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, għalhekk l-Irlanda mhux qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhux marbut bih jew suġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

---

[11] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.

(16) Fir-rigward ta' l-Isvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen fit-tifsira tal-Ftehim iffirmat mill-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assocjazzjoni ta' din ta' l-aħħar bl-implimentazzjoni, bl-applikazzjoni u bl-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen li jaqa' fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/860/KE tal-25 ta' Ottubru ta' l-2004 fl-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, u dwar l-applikazzjoni proviżorja ta' ċertu dispożizzjonijet, ta' dan il-Ftehim[12].

(17) Id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan ir-Regolament, ħlief għall-Artikolu 9, jikkostitwixxu dispożizzjonijiet li jibnu fuq l-*acquis* ta' Schengen jew marbuta miegħu b'xi mod ieħor skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3(2) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I

SKOP U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Skop

Dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi li jintroduċu deroga temporanja minn ċertu dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri għall-applikazzjoni għal u l-ħruġ ta' viżi kif ukoll il-format ta' viżi uniformi għall-membri tal-familja Olimpika għal matul il-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006. Barra minn dawn id-dispożizzjonijet speċifiċi, id-dispożizzjonijet relevanti ta' l-*acquis* ta' Schengen dwar il-proċeduri ta' l-applikazzjoni ta' u tal-ħruġ ta' viżi uniformi għandhom jibqgħu fis-seħħ.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

1. "Organizzazzjonijiet responsabbli" relatati mal-miżuri maħsuba biex iħaffu l-proċeduri għall-applikazzjoni ta' u għall-ħruġ ta' viżi għall-membri tal-familja Olimpika li ser jieħdu sehem fl-Logħob Olimpiku u/jew Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006 tfisser l-organizzazzjonijiet uffiċjali, f'termini tal-Karta Olimpika, li huma intitolati li jissottomettu listi tal-membri tal-familja Olimpika lill-Kumitat

[12] ĠU L 370, 17.12.2004, p. 78.

Organizzattiv għal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006 bil-ħsieb li jinħarġu kards ta' l-akkreditazzjoni għal-Logħob;

2. "Membru tal-familja Olimpika" tfisser kwalunkwe persuna li hi membru tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali, tal-Kumitat Paralimpiku Internazzjonali, tal-Federazzjonijiet Internazzjonali, tal-Kumitati Nazzjonali Olimpiċi u Paralimpiċi, tal-Kumitati Organizzattivi tal-Logħob Olimpiku u l-assoċjazzjonijiet nazzjonali, bħalma huma l-atleti, il-ġudikanti/referis, il-kowċis u tekniċi sportivi oħra, persunàl mediku assoċjat mat-timijiet u nies sportivi individwali u ġurnalisti tal-medja akkreditata, eżekuttivi għoljin, donaturi, sponsers u mistiedna uffiċjali oħra, li jaqblu li għandhom ikunu gwidati mill-Karta Olimpika, jaġixxu taħt l-awtorità ta' kontroll u suprema tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali, huma inklużi fil-listi ta' l-organizzazzjonijiet responsabbli u huma akkreditati mill-Kumitat Organizzattiv tal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku ta' l-2006 bħala parteċipanti fil-Logħob Olimpiku u/jew Paralimpiku ta' l-2006;

3. "Kards ta' l-akkreditazzjoni Olimpiċi" maħruġa mill-Kumitat Organizzattiv tal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006, b'mod konformi ma' l-Artikolu .... tal-Liġi Taljana .../... tfisser wieħed minn żewġ dokumenti siguri, wieħed għal-Logħob Olimpiku u l-ieħor għal-Logħob Paralimpiku, li jkollu r-ritratt ta' sidu, li tistabbilixxi l-identità tal-membru tal-familja Olimpika u tawtorizza aċċess għall-faċilitajiet ta' fejn isiru l-kompetizzjonijiet u l-attivitajiet l-oħra skedati matul il-perjodu tal-Logħob;

4. "Il-perjodu tal-Logħob Olimpiku u l-Logħob Paralimpiku" tfisser il-perjodu mill-10 ta' Jannar ta' l-2006 sas-26 ta' Marzu ta' l-2006 għal-Logħob Olimpiku tax-Xitwa ta' l-2006 u għall-perjodu mill-10 ta' Frar ta' l-2006 sad-19 ta' April ta' l-2006 għal-Logħob Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006;

5. "Il-Kumitat Organizzativ Għal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006" tfisser il-Kumitat stabbilit fis-27 ta' Diċembru ta' l-1999 b'mod konformi ma' l-Artikolu 12 tal-Kodiċi Ċivili Taljana (RD 16/3/1942 n. 262) biex jorganizza l-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa fl-2006, li jiddeċiedi dwar l-akkreditazzjoni tal-membri tal-familja Olimpika li ser jieħdu sehem f'dawk il-Logħob;

6. "Servizzi responsabbli għall-ħruġ tal-viżi" tfisser is-servizzi maħtura fl-Italja biex jeżaminaw l-applikazzjonijet u biex joħorġu viżi lill-membri tal-familja Olimpika.

Kapitolu II

IL-ĦRUĠ TAL-VIŻI

Artikolu 3

Kondizzjonijiet

Viża tista' tinħareġ skond dan ir-Regolament biss meta l-persuna kkonċernata:

a) tkun ġiet nominata minn waħda mill-organizzazzjonijiet responsabbli u akkreditata mill-Kumitat Organizzattiv tal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006 bħala parteċipant/a tal-Logħob Olimpiku u/jew Paralimpiku ta' l-2006;

b) ikollha dokument ta' l-ivjaġġar validu li jawtorizza l-qsim tal-fruntieri esterni, kif imsemmi fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju ta' l-1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju ta' l-1985 bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-unjoni ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija gradwali ta' l-iċċekkjar fil-fruntieri komuni tagħhom (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni ta' Schengen") [13];

c) ma tkunx persuna li fir-rigward tagħha jkun inħareġ allarm għall-finijiet ta' ċaħda għad-dħul;

d) mhix meqjusa bħala theddida għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà nazzjonali jew għar-relazzjonijiet internazzjonali ta' xi wieħed mill-Istati Membri.

Artikolu 4

Il-preżentazzjoni ta' l-applikazzjoni

1. Fil-każ li organizzazzjoni responsabbli tħejji lista tal-persuni magħżula biex jieħdu sehem fil-Logħob Olimpiku u/jew Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006, hija tista', flimkien ma' l-applikazzjoni għall-kard ta' l-akkreditazzjoni Olimpika għall-persuni magħżula, titfa' applikazzjoni kollettiva għall-viżi għal dawk il-persuni magħżula li huma meħtieġa li jkollhom viża fil-pussess tagħhom b'mod konformi mar-Regolament (KE) Nru 539/2001, ħlief meta dawk il-persuni jkollhom permess ta' residenza maħruġ minn Stat Membru ta' Schengen.

2. L-applikazzjonijiet kollettivi għall-viżi għall-persuni kkonċernati għandhom jintbgħatu fl-istess ħin ma' l-applikazzjonijiet għall-ħruġ tal-kard ta' l-akkreditazzjoni Olimpika lill-Kumitat Organizzattiv tal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006 b'mod konformi mal-proċedura stabbilita minnu.

3. Għall-persuni li ser jieħdu sehem fil-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa fl-2006 għandha timtela applikazzjoni għall-viża waħda għal kull persuna .

4. Il-Kumitat Organizzattiv tal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006 għandu jgħaddi l-applikazzjonijiet kollettivi lis-servizzi responsabbli għall-ħruġ ta' viżi malajr kemm jista' jkun, flimkien ma' kopji ta' l-applikazzjonijiet għall-ħruġ ta' kards ta' l-akkreditazzjoni Olimpiċi għall-persuni kkonċernati, li jkollhom isimhom sħiħ, in-nazzjonalità, is-sess, id-data u l-post tat-twelid tagħhom, in-numru tal-passaport, it-tip u d-data ta' l-iskadenza tiegħu.

[13] ĠU L 239, 22.9.2000, p.19. Konvenzjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/211/JHA (ĠU L 68, 15.3.2005, p. 44).

Artikolu 5

L-eżami ta' l-applikazzjoni kollettiva għall-viżi u tat-tip ta' viżi maħruġa

1. Il-viża għandha tkun maħruġa mis-servizzi responsabbli għall-ħruġ tal-viżi wara eżami maħsub biex jassigura li l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 jintlaħqu.

2. Il-viża maħruġa għandha tkun viża uniformi għal żjara qasira, li tippermetti dħul aktar minn darba u li tawtorizza żjara ta' mhux iżjed minn disgħin (90) ġurnata għal matul il-Logħob Olimpiċi u/jew Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006.

3. Fil-każ meta l-membru tal-familja Olimpika kkonċernat ma jissodisfax l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 c) jew d), is-servizzi responsabbli għall-ħruġ tal-viżi jistgħu joħorġu viża b'validità territorjali limitata b'mod konformri ma' l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni ta' Schengen.

Artikolu 6

It-tip ta' viża

1. Il-viża għandha tkun f'forma ta' żewġ numri li jiddaħlu fil-kard ta' l-akkreditazzjoni Olimpika. L-ewwel numru għandu jkun in-numru tal-viża. Fil-każ ta' viża uniformi, dan in-numru għandu jkun magħmul minn seba' (7) karattri li jikkonsistu minn sitt (6) numri preċeduti bl-ittra "C". Fil-każ ta' viża b'validità ta' territorju limitata, dan in-numru għandu jkun magħmul minn tmien (8) karattri li jikkonsistu minn sitt (6) numri preċeduti bl-ittri "IT". It-tieni numru għandu jkun in-numru tal-passaport tal-persuna kkonċernata.

2. Is-servizzi responsabbli għall-ħruġ tal-viżi għandhom jibgħatu n-numri tal-viżi lill-Kumitat Organizzattiv tal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006 bl-iskop li joħorġu l-kards ta' l-akkreditazzjoni.

Artikolu 7

It-tneħħija tal-miżati

L-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi u l-ħruġ tal-viżi m'għandux iwassal li jintalbu xi miżati mis-servizzi responsabbli għall-ħruġ tal-viżi.

Kapitolu III

Dispożizzjonijiet Ġenerali u Finali

Artikolu 8

Kanċellazzjoni ta' viża

Fil-każ li l-lista ta' persuni mressqa bħala parteċipanti fil-Logħob Olimpiku u/jew Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006 tiġi emendata qabel jibda l-Logħob, l-organizzazzjonijiet responsabbli għandhom jinfurmaw mingħajr dewmien lill-Kumitat Organizzattiv tal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006 b'dan il-bdil sabiex il-kards ta' l-akkreditazzjoni tal-persuni mneħħija mil-lista jkunu jistgħu jiġu revokati. Il-Kumitat Organizzattiv għandu mbagħad jinforma lis-servizzi responsabbli għall-ħruġ tal-viżi tagħhom, waqt li javżahom bin-numri ta' viżi in kwistjoni.

Is-servizzi responsabbli għall-ħruġ tal-viżi għandhom jikkanċellaw il-viżi tal-persuni kkonċernati. Huma għandhom jinfurmaw b'dan lill-awtoritajiet responsabbli għall-iċċekkjar tal-fruntieri mill-ewwel, u dawn ta' l-aħħar għandhom mingħajr dewmien jibgħatu din l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra.

Artikolu 9

L-iċċekkjar tal-fruntieri esterni

1. Meta jaqsmu l-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri l-iċċekkjar tad-dħul li jsir fuq il-membri tal-familja Olimpika li tkun inħarġitilhom l-viża b'mod konformi ma' dan ir-Regolament għandu jkun limitat għal verifika tal-konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3.

2. Għal matul il-Logħob Olimpiku u/jew Paralimpiku tax-Xitwa:

   a) it-timbri tad-dħul u tal-ħruġ għandhom ikunu mwaħħla ma' l-ewwel paġna ħielsa tal-passaport ta' dawk il-membri tal-familja Olimpika li għalihom hu neċessarju li jwaħħlu dawn it-timbri b'mod konformi mar-Regolament (KE)Nru 2133/2004 tat-13 ta' Diċembru ta' l-2004 dwar il-ħtieġa għall-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri li jittimbraw sistematikament id-dokument ta' l-ivjaġġar taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi meta huma jaqsmu l-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri u jemendaw id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni li timplimenta il-ftehim ta' Schengen u l-manwal komuni għal dan l-iskop. Ma' l-ewwel dħul in-numru tal-viża għandu jkun indikat fuq l-istess paġna;

   b) il-kondizzjonijet tad-dħul provduti fl-Artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni ta' Schengen għandhom ikunu presunti li ġew sodisfatti ladarba l-membru tal-familja Olimpika jkun akkreditat.

3. Id-dispożizzjonijiet ta' paragarfu 2 għandhom japplikaw għall-membri tal-familja Olimpika li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi, kemm jekk huma suġġetti għall-ħtieġa ta' viża taħt ir-Regolament (KE) Nru 539/2001 kif ukoll jekk le.

Artikolu 10

Informazzjoni għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill

Mhux iktar tard minn erba' xhur wara l-għeluq tal-Logħob Paralimpiku tax-Xitwa ta' l-2006, l-Italja għandha tittrażmetti lill-Kummisssjoni rapport dwar diversi aspetti ta' l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Fuq il-bażi ta' dan ir-rapport u ta' kwalunkwe informazzjoni fornuta mill-Istati Membri l-oħrajn fl-istess limitu ta' żmien, il-Kummissjoni għandha tħejji studju dwar il-ħidma tad-deroga fir-rigward tal-ħruġ ta' viżi lill-membri tal-familja Olimpika, kif provduta b'dan ir-Regolament, u għandha tinforma b'dan lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Artikolu 11

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, [...]

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*